## 10 ta' Marzu, 1964

## Imhallef:

## Onor. M. Caruana Curan B.A. LL.D.

Toni Pellegrini nomine M.L.A.

*versus*

Onor. Edward S. Arrigo C.B.C. nomine

## Malta Broadcasting Authority — Insindikabilita' tal-Qrati — Obbligazzjoni.

*Fil-każ tal-Malta Broadcasting Authority permezz tad-disposizionijiet tal-artikolu 11 tal-Ordinanza l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ġie mogħti s-setgħa li fordna lill-Awtorita' biex ixxandar jew ma ixxandarx xi programm. Setgħa din, li una volta eserċitata ma tistax tiġi valjata mill-Qrati. Pero' mhemm l-ebda disposizzjoni oħra li "in terms" tpoġġi lill-Awtorita' barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati u il-Qorti trid teżamina każ b'każ jekk hemm xi lokuzzjoni jew frazi li minnha tista tasal għal-istess konkluzzjoni per inferenza meħuda in konsiderazzjoni n-natura u l-estant tad-diskrezzjoni.*

*Il-Malta Broadcasting Authority hija kostitwita bħala "watch dog" tal-benesseri pubbliku fir-ram speċjalizzat tagħha u hija investita b'diskrezzjoni ampja u qawwija permezz tal-kliem tas-subartikolu (2) tal-artikolu 7 fis-sens li hija, u allura hija biss, għandha tissodisfa ruħha, sa fejn hu possibbli, li jiġu osservati fit-trasmissjonijiet il-prinċipji importanti kalendati f'dak is-subartikolu.*

*Illum, amministrattivament, l-'Awtorita' hija soġġetta biss, minn kif jidher, għall-poteri tal-Gvernatur, salv xi inġerenza tal-Ministru tal-Finanzi fil-ħruġ tal-warrants għas-sovvenzjonament tagħha.*

*Il-Qorti tqis l-allokazzjoni ta "air time" bħala kuntratt u li bħala hekk jaqa taħt is-sindikabilita' tal-Qrati.*

*L-inadempjenza fl-obbligazzjoni "di fare" ma tistax tiġi ikkunsidrata biss fuq l-iskorta tal-prestazzjoni eżatta f'obbligazzjonijiet oħrajn bħal, per eżempju, il-pagament ta' somma ta flus, imma trid tiġi ikkunsidrata f'kull każ skond il-meriti u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.*

*Kwalunkwe azzjoni għall-esekuzzjoni speċifika tkun inutili jekk ma tkunx eventualment risolvibbli f'azzjoni għad-danni.*

F'din il-kawża l-attur fil-kwalita' tiegħu ta' Kap tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara ippremetta (1) li fis-27 ta' Frar, 1964, ġie lilu konċess, fl-imsemmija kwalita' tiegħu, mill-konvenut nomine, jiġifieri bħala Chairman tal-Malta Broadcasting Authority, (iżjed il-quddiem imsejħa L-Awtorita' tax-Xandir ta' Malta), illi jagħmel political broadcast" fuq it-televizjoni, liema 'broadcast' skond ftehim bejn il-partijiet kellha, tkun ta' durata ta' għaxar minuti; (2) li l-istess 'broadcast' skond ma normalment isir, ġiet debitament 'filmed' u 'sound recorded' u mgħoddija għal-wiri mir-rappresentant legali tal-konvenut nomine sabiex fil-ħin stabbilit tiġi projettata fuq it-televizjoni; (3) li meta l-istess 'political broadcast' tal-attur nomine ġiet projettata fuq li screen, hija ma ntweritx lil u ma nstemgħatx mit-telespettaturi kif effettivament kienet ġiet 'filmed' u 'sound recorded' b'mod li it-telespettaturi ma setgħux isegwu sewwa l-ftuħ ta' l-istess 'political broadcast' kif rekordjata mill-attur; (4) li il-konvenut kien ġie debitament interpellat sabiex l-istess 'political Broadcast' tal-attur jerġgħa jiġi projettata fuq it-televizjoni lokali kif kien 'filmed' u 'sound recorded', iżda inutilmentn. Dan premess l-attur nomine talab li, prevja jekk hemm bżonn d-dikjarazzjoni li l-konvenut nomine ma ipprojettax fis-27 ta' Frar, 1964, fuq li 'screen' tat-televizjoni il-versjoni ppreparata għal-wiri, billi

ma ġietx murija lit-telespettaturi l-ewwel parti ta' l-istess taħdita, il-konvenut nomine jiġi kkundannat biex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, juri fuq it-television lokali il-'political broadcast' tal-attur nomine, kif oriġinarjament kienet ġiet 'filmed' u sound recorded' fl-istudios tal-konvenut nomine, salva kwalunkwe azzjoni għad-danni li l-attur nomine irriserva li jintenta b'ġudizzju separat.

2. Il-konvenut nomine li jinsab imħarrek bħala Chairman tal-Malta Broadcasting Authority' u f'dik il-kwalita' għandhu skond il-liġi r-rappresentanza legali ta' dik l-Awtorita', eċċepixa kontra din it-talba li; (1) l-Awtorita' minnu rapprezentata fil-ġudizzju iddeċidiet li ma tilqgħax it-talba tal-attur nomine biex tiġi repetuta x-xandira politika in kwistjoni u li dik id-deċizzjoni ittieħdet mill-Awtorita' tax-Xandir ta' Malta taħt il-poteri li għandha u bħala parti mill-funzjonijiet mgħotija esklussivament lill-istess Awtorita' skond l-Ordinanza nru. XX tal-1961, u għalhekk mhiex sindikabili u ma tistax tiġi kontestata quddiem il-Qrati; (2) bla preġudizju tal-premess, id-deċisjoni tal-Awtorita' tax-Xandir ta' Malta kienet ġusta u korretta; u (3) li il-konvenut nomine ma kellu qatt ebda obbligu lejn l-attur li jirrepeti t-trassmissjoni in kwistjoni fil-kas li xi kliem tat-taħdita ma instemgħux.

(3) Il-Qorti, fuq rikors preżentat mill-attur nomine kontestwalment maċ-ċitazzjoni, ddekretat l-urġenza għarraġuni li, f'każ ta' eżitu tal-kawża favorevoli għall-attur, ir-ripetizzjoni tax-xandira, biex ikollha l-effett tagħha, trid issir f'epoka kemm jista jkun viċina għax-xandira oriġinali u stante anke n-nuqqas ta' kwalunkwe opposizzjoni għal din l-urġenza mill-kontro-parti, fil-5 ta' Marzu, 1964, semgħet il-provi kollha prodotti minn parti u minn l-oħra, żammet

aċċess fil-studios tal-Malta Television Services Limited, Guardamangia, fejn, fil-presenza tal-partijiet u tad-difensuri tagħhom, assistiet f'demostrazzjoni televisiva fuq ċirkwitu magħluq tax-xandira ta' l-attur tant kif 'filmed' u 'recorded' kemm kif attwalment saret, u ordnat ukoll li x-xhud Emmanuel Calleja, li jissemmgħa iżjed il-quddiem, jerġgħa juri x'sar waqt it-trasmissjoni li wasslet għal din il-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet, Avukat Dr. Joseph Herrera għall-attur u Avukat Dottor John Pullucino għall-konvenut u issa, wara li ukoll rat d-dikjarazzjoni u n-noti tax-xiehda tal-partijiet u eżaminat l-atti kollha tal-kawża, waslet għal din is-sentenza li dwara ikkunsidrat:—

(4) Il-fatti tal-kawża, skond il-verbali reġistrati li bihom ġew evitati diversi kontestazzjonijiet u skond id-dokumenti esibiti u il-provi mismugħa, huma dawn li sejrin jissemmew:—

(a) l-attur huwa membru ta' l-Assemblea Leġislativa u Kap tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara. Il-Konvenut huwa Chairman ta' l-Awtorita' tax-Xandir ta' Malta li hija kostitwita permezz tal-Broadcasting Ordinance (Ord. Nru. XX tal-1961) u għandha d-drittijiet u dmirijiet hemmek statwiti.

(b) Skond l-istess liġi l-Awtorita' għanda d-dover li, fil-programmi mxandrin minnha, tissodisfa ruħha, sa fejn hu possibli, li f'materja ta kontroversja politika tiġi osservata d-debita imparzjalità, u li, f'dawk il-programmi, ma tiġi inkluża l-ebda ħaġa li hija maħsuba biex taqdi l-interesi ta' xi partit politiku, (art. 7 (2) (g) ) imma l-istess disposizjoni, li evidentement hi ispirata għall-idea li x-xandiriet sew bis-'sound' kemm bit-televizjoni ma ikunux ik-

kuluriti bil-politika, tippermetti fil-proviso (i) tagħha, li jsiru diskorsi politiċi skond 'scheme' li jkun approvat mill-Awtorita' u li jqassam b'mod xieraq il-faċilitajiet u ħin bejn persuni li jkollhom opinjonijiet differenti, Milli jidher l-Awtorita' ippruvat iġġib ranġament bejn il-partiti politiċi kollha dwar l-allokazjoni tal-'airtime' lill-partiti. Dan jirrizulta mid-dokument intestat 'Party Political Broadcasts 1963-64' esibit a fol. 10, li jerġa jissemma iktar il-quddiem bħala dokument ta' importanza f'din il-kawża, imma billi il-partiti ma ftehmux bejnithom l-Awtor ta' minn rajha, approvat u ippublikat 'scheme' li almenu skond ma derilha hi, jirrifletti s-saħħa numerika tal-partiti fl-Assemblea Leġislativa. Dan li 'scheme' hu preċiżament dak kontenut u dettaljat fl-istess dokument u, bis-saħħa ta' dak li 'scheme' lill-partit kapeġġjat mill-attur ġie allokat (dik il kelma jistħoqqila ukoll li tiġi ikkunsidrata il quddiem) 'airtime' konsistenti f'seba (7) xand'riet ta' għaxar minuti il-waħda, li minnhom tnejn (2) setgħu naturalment jekk irid il-partit, isiru tant bis-'sound' (Rediffusion) kemm ukoll fuq it-televizjoni. Skond l-iskeda annessa ma dak li 'scheme (fol 12) imbgħad il-Partit tal-Ħaddiema Nsara kellu riservat għalih t-trassmissjoni tal-ġimgħa mis-17 ta' Ottubru, 1963 sat-8 ta' Ottubru, 1964 inklusivament), jiġifieri dik tas-27 ta' Frar, 1964, li fuqa inqalgħet din d-diverġenza ta' veduti bejn il-partijiet fil-kawża, Jirriżulta suffiċjentement assodat ukoll li f'din l-okkazjoni d-diskors politiku tal-attur kellu jiġi preżentat tant fuq r-Rediffusion kemm fuq it-televizjoni.

(c) L-attur, mhux kontradett mill-konvenut fuq dan il-punt, xehed li qabel ma mar Londra għal ħabta tal-bidu ta' Frar huwa informa lill-Awtorita' li x-xandira li kien imissu jgħamel fis-27 ta' Frar, 1964 riedha issir ukoll bit-televisjoni. Din evidentement aċċettat, tant hekk li meta

l-attur ġie min barra ippreżenta li 'script' tad-diskors u wara xi diskussjonijiet mal-konsulent legali tal-Awtorita' it-test tad-diskors ġie approvat miż-żewġ naħħiet għat-trasmissjoni. Dawn ix-xandiriet ma jsirux 'live' imma jiġu 'filmed' għal dik li hi il-parti visiva, u 'recorded' għal dik li hi il-parti sonora, fli-studios tal-Malta Television Services Limited, d-ditta li hi l-kuntrattur tal-Awtorita' taħt l-art. 3 (2) tal-Ordinanza biex tipprovdi għal u f'isem l-Awtorita' s-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televisjoni li skond l-art 3 (1) għandhom jiġu provduti mill-Awtorita'. In esekuzjoni ta' dawn l-arranġamenti ta' bejn il-partijiet in kawza u il-kuntrattur dana il 'filming' u 'recording' sar fil-għodu dik inhar stess tas-27 ta' Frar, 1964, kollox mexa sew u kollox kien lest u in ordini għat-trasmissjoni fil-għaxija. Il-partijiet qablu ukoll li d-diskors li kellu jiġi hekk trasmess huwa dak li jinsab esibit in kopja a fol 17 sal-21 tal-proċess.

(d) Iżda fil-għaxija ġara li mentri t-trasmissjoni fuq ir-Rediffusion saret mingħajr inċident fil-ħin prestabilit, fit-trasmissjoni televisiva, għalkemm din saret fil-ħin regolari tat-8.04 jew 8.06 p.m. inqala l-inċident li minħabba fih l-attur qiegħed jitlob lill din il-Qorti biex tordna r-ripetizzjoni tat-trasmissjoni. L-inċident li ipprovoka l-lanjanza huwa li meta l-'announcer' spiċċa javża li fuq il-video kien se jidher l-attur biex jgħamel diskors politiku, il-figura tal-attur fuq il-video dehret inkwadrata sew u mill-ewwel mument iżda il-vuċi tiegħu ma kienitx tinstemgħa mill-ewwel għalkemm kien jidher li hu qiegħed jitkellem. Dina l-inawdibilita' damet, skond ma xhed Frederick Yardley, Manager tal-Malta Television Services Limited, għal seba sekondi. Minħabba fiha, kif il-Qorti setgħet hi stess tikkonstata waqt l-aċċess, ma instemgħux l-ewwel tlettax jew erbatax il-kelma tad-diskors ċioe' il-

kliem:— "Qabel tlaqna lejn Londra għaxart ijiem ilu ma kontx tisma ħlief li Nazjonalist igħidu" U għalhekk l-ewwel kliem li instemgħu kienu immedjatament warajhom, iġifieri il kliem — "Issa ġiet l-Indipendenza — ejja niġbdu ħabel wieħed". It-trasmissjoni imbgħat kompliet mingħajr inċident sa l-aħħar tagħha. Ix-xhud Yardley id-depona li x-xandira politika damet 9 minuti u 35 sekonda u li meta wieħed jieħu inkonsiderazzjoni l-avvisi ta' qabel u ta' wara, għaxar minuti. Il-Qorti stess ikkonstatat waqt l-aċċess li d-dimonstrazzjoni li saritilha fl-ewwel lok, jiġifieri kif attwalment saret it-trasmissjoni, okkupat mit-3.03 p.m. sat-3.13 p.m. Ma hemmx kważi għalfejn jingħad li l-attur fil-politika tiegħu s-issa wera ruħu kuntrarju li Malta issir pajjis indipendenti, u għalhekk huwa, mhux b'tort sa barra, idispjaċih li t-trasmissjoni tiegħu kellha tibda proprju bil-kliem "Issa ġiet l-Indipendenza, ejja niġbdu ħabel wieħed' F'dan s-sens l-inċident kif jaqblu anke l-Awtorita' konvenuta u il-kuntratturi tagħha, kien sfortunat (a) Il-partijiet ma tantx jaqblu x-sar l-għada fil-għodu u fil-ġranet ta' wara għar-rigward tal-protesti magħmulin mill-attur. L-attur xhed li l-proposti sarulu minn naħa tal-Awtorita konvenuta kienu biss fis-sens li issirlu apoloġija u li jiġu ripetuti il kliem li ma instemgħux. Il-Qorti pero', fuq din il kwistjoni ta' fatt, mgħandha l-ebda dubju li l-Awtorita' konvenuta uriet ruħha pronta tgħamel iżjed minn hekk. Mix-xiehda tal-konvenut nomine ta' John Manduca, Chief Executive tal-Awtorita' u ta' Antoine Ellul, segretarju tagħha, infatti jirriżulta li l-awtorita' offriet lill-attur li ixxandar fuq it-televizjoni mhux biss apoloġija imma anke l-ewwel paragrafu intier tad-diskors ta' l-attur fol. 17 li il-Qorti qegħda hawnhekk tirriproduċi:—

Qabel tlaqna lejn Londra għaxart ijiem ilu

ma kontx tisma ħlief lin-Nazzjonalisti jgħidu: Issa ġiet l-Indipendenza ejja niġbdu ħabel wieħed. Kliem li qata' qalb il-poplu kollu, barra il-qlub qawwija tas-supporters tagħna. Aħna ma naqtgħu qalbna qatt. Dħalna għal-ġlieda u nibqgħu niġġilduha sa l-aħħar. Din il-propaganda tan-Nazzjonalisti timpressjona biss lill-boloħ".

Il-Qorti hija soddisfatta li l-Awtorita' għamlet sostanzjalment din l-offerta lill-attur għalkemm ma writux in antiċipu il-kliem li fihom kienet se tifformula l-apoloġija. Dawn, kombinati ma l-ewwel paragrafu tad-diskors, huma dawk li jirriżultaw mill-fol. 51 tal-proċess. Billi l-attur ma aċċettax din il-proposta għax kien qiegħed jinsisti li terġa issir t-trassmissjoni kollha, l-Awtorita' illimitat ruħha għall-apoloġija biss, iġifieri għall-ewwel paragrafu. Il-Qorti hija perswasa li il-versjoni ta' dan il-fatt mogħtija mill-attur hija dovuta għal li-stat ta' inkwiet u eċċitament li kien fieħ u li minħabba fieħ x'aktarx ma fehmx il-kliem sewwa. Id-deposizjonijiet Arrigo, Manduca u Ellul fir-rigward pero' ma jħallux lok għal dubju. L-attur lanqas ma ried li issierlu apoloġija, imma l-Awtorita' u il-kuntratturi għamluha għax derilhom li għandhom jgħamluha, u il-Qorti ma tafx min seta iżommom milli jieħdu dan il-pass deċenti u dovut fiċ-ċirkostanzi, li kif sewwa spiega x-xhud Commander Hamilton-Hill, General Manager tad-ditta li hija il-kuntrattur tal-konvenut nomine, hija dovuta, jekk mhux għal ħaġa oħra, bħala kortesija ordinarja lit-telespettaturi.

(f) Biex jiġi kompletat, il-kwadru tal-fatti jonqos biss li il-Qorti tgħid x'kienet, bħala fatt, il-kawża ta' l-omissjoni tal-ewwel tlettax (13) jew erbgħatax il kelma, li, fl-apoloġija tal-Awtorita' u tal-kuntratturi tagħha, ġew des-

kritti bħala erbatax sempliċement għaliex il frażi "lin-Nazzjonalisti ġiet kunsidrata bħal żewġ kelmiet. Ir-raġuni tal-omissjoni kienet sempliċi u tirriżulta eżuberantement mid-desposizjonijiet ta' Frederick Yardley u ta' Emmanuel Calleja mill-verbal tal-aċċess. Emmanuel Calleja, impiegat mal-Malta Television Services Limited, fil-ħin tat-trasmissjoni in kwistjoni kien qiegħed jiffunzjona ta "presentation control Officer". Ix-xogħol tiegħu huwa li jisselezzjona il-kwadru jew 'picture' li ikun sejjer jiġi trasmess minn fost sitt 'monitor screens' li jkollu quddiemu u qedgħin irranġjati f'żewġ fillieri orizzontali ta' tlieta il waħda, waqt li hu jkun bil-qegħda fuq il "presentation table" b'idu ix-xellugija fuq il 'vision mixer' u b'idu l-leminija fuq dak li jissejjaħ s-'sound or radio mixed' malli huwa jara li il kwadru fuq il 'monitor screen', li jkun qed jatih 'preview, huwa tajjeb, huwa xogħlu 'to fade it in' b'mod li jirrendih visibli. Simultaneament irid idaħħal in funzjonament il-'fader' tal-'audio' korretta għal 'picture' li jkunn qiegħed jittrasmetti. Fil-każ in kwistjoni x-xhud kellu quddiemu fil-'monitor screen' tan-nofs ta' fuq lill-announcer Charles Arrigo li il-vuċi tiegħu instemgħet perfettament tant fl-istudios kemm barra. Sa dan t-tant kellu fil-'monitor screen' t'isfel tax-xellug il-'picture' tal-attur u malli hu kien soddisfatt li kienet tajba għamel dik l-operazzjoni li fil-lingwaġġ tekniku tissejjaħ 'fading in' iġifieri malli spiċċa l-announcer beda jittrasmetti il-'picture' tal-attur li allura immedjatament telgħet fil-'monitor screen' tan-nofs tal-filliera ta' fuq. Naturalment huwa kellu fl-istess ħin, b'idu il-leminija, jgħamel il-'fading in' tas-'sound' korrispondenti għal 'picture' tal-attur in effettiva trasmissjoni viswali għall-pubbliku. Pero' bi żball manwali huwa momentaneament applika fader ħażin tas-'sound'. Dawn il faders tas-'sound', apparti mill-inġenji misterjusi li hemm taħtom, speċjalment jidhru bħal pumi

irqaq għoljin xi pulżier mill-wiċċ tal-mejda li tissejjaħ 'audio mixing panel' u qegħdin kollha ħdejn xulxin f'linja dritta orizzontali fin-numru ta' tmienja. L-ewwel wieħed meta tibda mix-xellug huwa konness mal-vuċi tal-announcer u huwa irrelevanti għal-kas. Dak li x-xhud Calleja kellu japplika kien t-tielet wieħed mix-xellug li jgħati s-'sound tat - 'telecine chain 2' u li per mezz tiegħu kien issir il-'fading in' għall ispettaturi barra mill-istudios tal-vuċi tal-attur, li effettivament sar imma seba' sekondi tard. Minn flok il 'fader' Nru. 3 ix-xhud Calleja applika il-'fader' Nru. 2 tat-'telecine chain' li dak il ħin ma kienx qed jaħdem, pero' billi il vuċi tal-attur kienet qed tinstema fl-intern tal-'presentation room' ix-xhud ma indunax mill-ewwel li il-vuċi ma kienitx qegħda tiġi trasmessa barra mill-istudios, u malli induna jew ġieħ sospett neħħa għajnejh minn fuq il "monitor screen", fejn qabel kienu diretti, ħares lejn l-'audio mixing panel' fuq il-lemin tiegħu, u immedjatament ikkorreġa li żball tiegħu billi applika il-fader Nru. 3, it-trasmissjoni setgħet allura tkompli u tispiċċa regolarment tant għall-għajnejn kemm għal-widna. Jonqos biss li jingħad, u il-Qorti tħoss li huwa ġust tgħejdu, li il-Qorti hija soddisfatta mill-provi mismugħa li x-xhud Calleja ma kellux aċċess għal li 'script' tad-diskors tal-attur u allura għandhu jeżula minn moħħ il-partijiet kwalunkwe sospett ta 'foul play'. Ix-xhud Yardley, li mix-xiedha tiegħu deher li hu inġinier u amministratur ta' evidenti esperjenza in materja u li, għalkemm huma uffiċjal tal-kuntratturi, xehed bil-ikbar frankezza, ddepona, u dan del resto tikkonfermah l-esperienza frekwenti ta' kull min iħobb isewwi t-televizjoni, li inċidenti bħal dawn huma mistennija fuq it-televisjoni, għalkemm il-Qorti tifhem li naturalment jgħamlu iżjed kjass meta tidħol il-politika. Pero' dan l-argument għalkemm verissimu, mhuwiex it-tmiem tal-kwistjoni. Anke l-inċidenti tat-traffiku stradali u 'breakdown'

ta' makkinarji huma mistennija fil-ħajja moderna ta' kulljum. Iżda l-Qrati jiġu ukoll kulljum imsejħin biex jindaqaw r-responsabilita' legali tagħhom.

(5) Mill-fatti premessi tidher n-natura insolita, anzi forsi bla preċedent, tal-kawża. Din tinvolvi il-kwistjonijiet jekk hemmx relazjonijiet ta' natura kontrattwali bejn il-partijiet, kienx hemm inadempjenza, u jekk il-konvenut nomine, f'kas affermativ, jistax jiġi ritenut responsabbli ta' dik l-inadempenza. Dawn il-kwistjonijiet huma normalment regolabili mill-Qrati, b'diffikolta' li tvarja minn każ għall-każ, skond d-disposizjonijiet tal-Kodiċi Ċivili in materja ta' obbligazjonijiet u tad-duttrina guridika u tal-gurisprudenza ampja u elaborata li jilluminawh. Id-diffikolta f'dan il-każ tiżdied minħabba n-natura speċjali, anżi 'sui ġeneris', tal-każ ta' diskors politiku trasmess, per di piu', bit-televizjoni. L-eċċezzjoni tal-insindakabilita' tad-deċiżjonijiet tal-Awtorita' tax-Xandir, li h;ja ukoll għall-ewwel darba quddiem dawn il-Qrati, u tinvolvi n-natura u il-poteri ta' dik l-istituzjoni ġdida fil-pajjiż, tippreżenta diffikoltà oħra, li l-Qorti, jidhrila li għandha taffronta fl-ewwel lok bħala preġudizjali, għal kemm sa ċertu punt din tikkompenetra ruħha anke mal-kwistjoni importanti l-oħra jekk hemmx kuntratt jew obbligazjoni bejn il-partijiet. Il-Qorti infatti ikkunsidrat ukoll jekk din il-kawża twassalx f'dawk is-setturi tal-attivita' soċjali li huma ġuridikament tant nebulusi, forsi għax illum għadhom fil-bidu tagħhom, li mhumiex ġuridikament apprezzabili jew tutelabili, f'kelma waħda humiex 'justifiable' imma jidrilha li fl-aħħar analisi din il-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'waħda ta' l-nteress essenzjali għall-azzjoni, liema interess jiddependi, fil-fattispeċji, mill-esistenza o meno tar-relazjonijiet kontrattwali, għaliex in difett tal-prova tal-formazzjoni ta' rapport kontrattwali bejnu u il-konvenut nomine (jew almenu ta obbligazjoni li

ġejja direttament mil-liġi, jew minn delitt jew kważi delitt) l-attur ma jkunnx jista' jadixxi il-Qorti fuq din il-kwistjoni u l-azzjoni tiegħu tkun tammonta għal invit biex il-Qorti tinvestgalu il-kas ta' interess iva politiku imma mhux ġuridiku, li pero' il-Qorti hija perswasa mhiex l-intenzjoni ta' l-attur.

(6) Permezz tal-preġudizjali minnha sollevata l-Awtorità konvenuta qegħda tgħid sostanzjalment hekk:—

"li hija iddeċidiet li t-trasmissjoni mgħandiex terġa issir. Din id-deċiżjoni tagħha hija finali u mhix sindakabili mill-Qorti, għax meħuda fid-diskrezzjoni vestita esklusivament fiha mil-liġi". Jekk din issottomissjoni hija korretta il-kawża wieħed jista jgħid li tispiċċa hawnhekk u l-Qorti ma jkolliex setgħa iżjed ħlief fil-limiti tal-kontroll ġudizzjarju tad-diskrezjonijiet. F'din l-eventwalità d-diskrezjoni talvolta vestita fl-Awtorità tax-Xandir tkun ta' natura "esekutiva jew 'amministrativa' b'mod li jista jingħad sempliċement bħala proposizjoni ġenerika jew in linea di massima li l-poter ta' review' li l-Qorti, apparti minn vjolazjonijiet ta' "human rights" ( li mhuwiex il-kas hawnhekk) u ta' xi disposizjonijiet speċjali tal-liġi, tkun pronta tassumi huwa x'aktarx iżjed limitat milli fil-każijiet ta' "judicial discretion". Hekk huwa t-tagħlim ta' dik il-parti tad-dritt pubbliku li llum qegħda dejjem iżjed tissejjaħ "Administrative Law" u li f'Malta bħal fl-Ingilterra u fil-pajjiżi tal-Commonweath tinsab amministrata mill-Qrati ordinarji tal-pajjiż u mhux minn tribunali speċjali bħal fil-pajjiżi tal-Kontinent li għandhom is-sistema Droit Administratif applikat minn konsilji speċjali. Hekk hu ukoll il-kunsens tal-ġurisprudenza lokali. Dan qiegħed jingħad bħala punto di partenza għall-indaġini li l-Qorti issa trid tagħmel, in vista tal-eċċezzjoni sollevata, dwar in-natura, il-funzjonijiet u l-

poter tal-Awtorità tax-Xandir ta' Malta.

(7) Din l-Awtorità ġiet kostitwita bl-Ordinanza Nru. XX tal-1961, u hija waħda mill-ftit entijiet parastatali ta' Malta li qegħdin jiżdiedu man mano ma' l-isvilupp tal-pajjis. Hija persuna ġuridika vestita b'ċerti poteri u funzjonijiet bħala organu "ad hoc" regulatory 'social body' jew 'manegerial-economic body' ikkreata bi statut partikolari għall-finijiet ta' problema speċjali, cioè il-ġestjoni u l-kontroll ta' dik l-attività tant importanti tal-ħajja moderna li huwa il-"broadcasting". L-Ingilterra kienet żgur tkun "a Public Corporation" u sa fejn f'Malta jista jingħad li għadna 'corporations' hija ukoll a 'body corporate' frażi użata fl-art. 180 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Bħala tali mhix il-Gvern, għalkemm taħt ċerti ċirkostanzi li issa mhumiex quddiem il-Qorti tista' tinqala il-kwistjoni jekk hijiex 'a servant' tal-Gvern, subordnata din il-kwistjoni għall-grad ta' indipendenza tagħha mill-Gvern. Jekk mhiex il-Gvern ċertament m'għandhiex d-diskrezzjonijiet tal-Gvern jew diskrezzjonijiet ministerjali li huma vestiti fil-Kuruna. Infatti ma hemm l-beda maġija la fil-frażi 'Public Corporation' u lanqas fil-frażi 'statutory body' użata fl-Artikolu 3 (3) ta l-istrument leġislativ li ikkreaha, għaliex dawn il-korpi, in difett ta' disposizzjonijiet speċifiċi kuntrarji, huma fl-istess posizzjoni bħala persuni ġuridiċi jew artifiċjali oħrajn. Għalhekk għal finijiet tal-eċċezjoni hawn ikkunsidrata, kollox jiddependi mit-termini ta' li statut.

(8) Ġie sottomess lill-Qorti, minn Dr. Pullicino għal istess Awtorità li l-funzjonijiet ta' dik l-Awtorità huma vestiti esklusivament fiha. Il-Qorti li in kwantu din is-sottomissjoni tista tkun bażata fuq l-art. 3, sub-artikolu 1 tal-

Ordinanza il-funzjoni li għaliha hemmhekk issir riferenza hija dik li l-Awtorità għandha tipprovdi servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni f'Malta. Għaldaqstant esklusività hija fil-provvisjoni tas-servizzi li hija virtwalment monopolju tal-kummerċ fl-'airtime' salvo li l-Awtorità tista tqabbad kuntrattur biex jippresta, għaliha u f'isimha, s-servizzi li, kieku trid u kieku mhux ġia intrabtet b'kuntratt, tista tippresta hi stess direttament. Barra minn dan dik il-funzjoni trid tiġi eserċitata **"skond d-disposizjonijiet ta' din l-Ordinanza"**. Għalhekk dan l-argument waħdu mhuwiex biżżejjed għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-insindikabilità, u irid jiġi sostnut, biex jkun jista jreġi, m'd-disposizjonijiet mxerdin fl-erba kantunieri tal-Ordinanza. Minn naħa l-oħra imken ma insibu fl-istess Ordinanza, għar-rigward tal-Awtorità disposizjoni ġenerali bħal dik tal-Artikolu 16 għar-rigward tal-poteri tal-Eċċellenza Tiegħu il-Gvernatur li huma minnu eserċitabili, testwalment, "in his discretion", u sa fejn taf il-Qorti u juru l-provi ma ġewx invokati d-disposizjonijiet tal-art. 11 li jgħati lill-Eċċellenza Tiegħu s-setgħa li jordna lill-Awtorità biex ixxandar jew ma ixxandarx dak li jrid l-attur, setgħa li, darba eserċitata, il-Qorti, ma kienitx tkun tista tivvalja. Ċertament ma hemm l-ebda disposizzjoni oħra li 'in terms' tpoġġi lill-Awtorità barra mill-ġurisdizjoni tal-Qrati u l-Qorti trid teżamina kas b'kas jekk hemm xi lokużjoni jew frażi li minnha tista tasal għall-istess konklużjoni per inferenza meħuda in konsiderazzjoni n-natura u l-estent tad-diskrezjoni.

(9) Mill-kumplament tad-disposizjonijiet tal-Ordinanza li huma, in gran parti, għalkemm mhux għal kollox, mudellati fuq it-Television Act (1954) tar-Renju Unit, dawk li jistgħu jkunu rilevanti għas-soluzjoni tal-punt in desamina huma biss s-subartikolu (3) tal-artikolu 3, sa ċertu punt l-artikolu 6 u, prinċipalment, l-artikolu 7. Hawnhekk il-

Qorti tħoss li għandha l-ewwel teżamina l-artikolu 6 biex tħalli ż-żewġ disposizzjonijiet l-oħra għall-eżami konġunt tagħhom.

(10) L-Artikolu 6 jiddisponi li 'The Authority shall, subject to the provisions of this Ordinance, have power to do all such things as are, in its opinion, necessary for or conducive to the proper discharge of its function as set out in sub section (1) of section (3)" u jkompli biex jelenka diversi attivitajiet x'aktarx ta' natura prettament kommerċjali, li l-Awtorità tista' tikkonduċi għall-aħjar espletament ta' l-inkariku tagħha. Billi dan l-elenku huwa inklus mingħajr preġudizju tal-ġeneralità tal-'enabling power' preċedenti il-Qorti mhi qegħda tagħmel l-ebda argument interpretativ min-natura tal-kontenut tas-singoli paragrafi enumerati mill-(a) sal-(i) imma qegħda tieqaf fuq l-ewwel erba linji tal-artikolu li jidhru, imma biss għall-apparenza, minħabba il-kliem 'in its opinion' li jvestu lill-Awtorità b'xi diskrezjoni amministrativa ġeneral f'kull ma tista tagħmel. Imma jekk wieħed jrid jiddistingwi bejn id-dell u s-sustanza għandu jasal għall-konklużjoni b'din id-disposizzjoni invokata b'mod speċjali mill-Awtorità fit-trattazjoni tal-kawża, hija konnessa biss mad-dottrina tal-'ultra vires'. Fl-Ingilterra il-'corporations' huma soġġetti għall-din id-dottrina fil-forza kollha tagħha. Ad eżempju ġiet ikkunsidrata il-kwistjoni jekk il-korporazzjonijiet kbar tal-ajru li jġorru il-passiġieri bil-'coaches' tagħhom mill-ajruport għat-'terminal' jistgħu itellgħu passiġġieri fuq it-trieq biex ma iħallux l-coaches vojta, u b'hekk inaqqsu li spejjeż tagħhom. F' **Associated Provincial Picture Houses Ltd. v Wednesbury Corporation** (1948) 1 K B. 223, Lord Greene stabilixxa il-prinċipju li fejn 'a local authority' (li hija ukoll corporation) tipprova tirranġa il-finanzi b'xi mezz similment impunjabili b'infermità ta' 'vices' il-kliem 'in its opinion' għan-

dhom jiġu interpretati fis-sens li l-Qorti ma twaqqax id-deċisjoni ammenokky mhiex tali li --ebda grupp ta' persuni raġonevoli ma jista' jasal għall-istess konklużjoni, jew jkun hemm il-malafede jew il-korruzzjoni. Hi x'inhi però il-konklużjoni raġġunġibili minn Qorti f'sitwazzjoni simili, jibqa dejjem ċert li d-disposizjoni tal-art. 6 ntimament, anzi esklusivament, konnessa mal-attivitajiet tal-Awtorità biex tipprovdi s-servizzi msemmi fl-art. 3 (1) u biex tirrendi legali jiġifieri 'intra vires' l-attivitajiet tagħha 'inċidentali' jew 'konduċenti' għall-espletament sew ta' dik il-funzjoni u mhux biex tirregola każijiet bħal dan li hawn quddiem il-Qorti. Fi kwalunkwe każ l-istess artikolu 6 jirribadixxi il-'motif' ġja msemmi iżjed il fuq f'din is-sentenza ċioè li kull ma hemm f'dak l-artikolu huwa ukoll 'subject to the provisions of this ordinance', kliem li iservu biex ipoġġu l-istess disposizjoni in armonia mad-disposizjonijiet l-oħra li issa sejrin jissemmew.

(11) Skond l-artikolu 3 (3) tal-Ordinanza, l-Awtorità konvenuta għandha, barra minn poteri oħra, d-dritt li tidħol f'kuntratti. Din d-disposizzjoni li naturalment ma setgħatx tiġi evitata mill-leġislatura skond l-intenzjoni tagħha li tagħti ħajja u tirrendi vitali lill-Awtorità hija fil-fehma tal-Qorti ta' importanza massiva għal dan il-każ, meħud in-konsiderazjoni il-monopolju ta' kommodità prezjusa bħal ma huwa l-'airtime' u l-artikolu 7 ta' l-istess Ordinanza li huwa fil-kompless tiegħu (u mhux fis-singoli partijiet tiegħu) il-gwida tal-Awtorità f'dak li huwa l-aqwa skop tal-esistenza tagħha jekk hi għandha taġixxi, kif huwa maħsub fil-liġi li għandha tagħmel, fl-interess pubbliku, u ċioè isservi, jekk il-Qorti tista tissellef il-kliem tal-B.B.C. Charter, bħala 'strument' ta' disseminazjoni tan-notizji ta' edukazjoni u ta' divertiment'. Hawnhekk ma hemmx dubju li l-Awtorità hija kostitwita bħala 'watch dog' tal-benesseri

pubbliku fir-ram speċjalizzat tagħha u hija investita b'diskrezjoni ampja u qawwija permezz tal-kliem tas-subartikolu (2) fis-sens li hija, u allura hija biss, għandha tissodisfa ruħha, sa fejn hu possibili, li jiġu osservati fit-trassmissjonijiet il-prinċipji importanti kalendati f'dak is-subartikolu tant importanti għall-protezzjoni tal-pubbliku fil-morali u fis-sentimenti tiegħu, fl-interess nazzjonali anke meħul flisfond tal-Commonwealth attwalment esistenti, fl-interess tal-verità, tal-ġustizja u tal-imparzjalità politika. Hawnhekk tinqala s-solita kwistjoni "Quis custodiet ipsos custodes?". Illum amministrattivament l-awtorità hija soġġetta biss, minn kif jidher, għal poter tal-Governatur, salva xi ingerenza tal-Ministru tal-Finanzi fil-ħruġ tal-warrants gyas-sovvenżjonament tagħha. Il-Qorti issa hija konfrontata mill-kwistjoni oħra jekk, ġuridikament hijix soġġetta ukoll għall-liġi u għall-Qrati li qegħdin biex jinterpretaw, kull fejn hemm bżonn l-liġi, meta hija tidħol f'kuntratt kif indubbjament għandha kif ġja intqal, s-setgħa, li tagħmel dwar l-allokazjoni tal-'airtime'.

(12) D-difensur tal-Awtorità ikkonċeda fit-trattazjoni li, in vista tal-art. 3 (3) huwa ma riedx iqajjem kwistjoni li l-Awtorità tiskappa mill-ġurisdizjoni tal-Qorti meta tidħol f'kuntratt ta' ċens, jew ta' lokazjoni jew ta' self ta' flus. Imma hu għamel distinzjoni bejn dawk x-xorta ta' kuntratti dwar l-allokazjoni tal-'airtime' u speċjalment fil-linja politika. Il-Qorti tosserva li din t'sta tkun distinzjoni mimlija b'sinjifikat u possibilitajiet arkani. Minn jista' jgħid, jekk tiġi ammessa d-distinzjoni bejn kuntratt u ieħor, li l-Awtorità ma tiġiex il-quddiem fil-futur biex tirrendi negatorju anke xi kuntratt ordinarju bl-argument tal-funzjonijiet monopolistiċi u diskrezjonarju tagħha? Il-Qorti tħoss li huwa d-dover tagħha li hawnhekk tgħid li l-kuntratti kollha għandhom bżonn, għall-finijiet tad-deċenza u tas-sopravi-

venza tal-organismu soċjali tal-pajjis u tar-'rule of law', li jiġu rispettati indistintament. Il-kwistjoni hija allura jekk f'dan il-każ jesistix kuntratt, u mhux jekk dak il-kuntratt jistax jiġi regolat unilateralment mill-Awtorità biss fid-diskrezjoni tagħha.

(13) Id-difensur tal-Awtorità invoka passaġġ minn textbook Inglis awtorevoli (S.A. de Smith, Judicial Review of Administrative Action, 1959, p. 185/186) biex jgħid li enti bħall-Awtorità ma jistax jirrinunzja permezz ta' kuntratt jew akkordju għad-diskrezjoni tiegħu. Imma dak il-passaġġ, fl-opinjoni tal-Qorti, ma jissufragax t-teżi tal-konvenut. Jekk wieħed jikkunsidrah mill-viċin jara li l-proposizzjoni ta' liġi fih suġġerita mhix konċepita f'termini daqshekk ampji imma biss li 'a public authority cannot effectively bind itself not to exercise a discretion if to do so would be to disable itself from fulfilling the primary purposes for which it was created". Il-kliem "primary purposes" għandhom ovvjament ikollhom il-pis kollu tagħhom. U il-"primary purpose" ta 'l-Awtorità, fl-ambitu tal-art. 7 (2) in kwantu jolqot il-każ preżenti, hija sempliċement li tiġi osservata l-imparzjalità fil-politika u li ma jsir xejn fil-programmi biex jaqdi xi partit politiku. Iżda il-quddiem fl-istess passaġġ imbagħad insibu il-kliem li fl-opinjoni tal-Qorti, iwaqqgħu t-teżi tal-konvenut;— "Thus expressed, it by no means follows that in any case where a discretion is conferred no agreement can limit the exercise of that discretion: that consequence will only follow when the discretion involves a power fundamental to the purposes and existence of the authority in question."

(14) Issa huwa ta' importanza li ma tistax tiġi enfasizzata biżżejjed li skond l-art. 7 (2) (9) tal-Ordinanza it-taħditiet politiċi fuq it-televiżjoni u r-Rediffsion mhumiex

bl-ebda mod ipprojbiti. L-Awtorità għandha diskrezzjoni assoluta jekk għandhiex torganizza skemi jew proġetti ta taħditiet politiċi, u jekk tiddeċiedi li ma tippermettihomx in ġenerali sgur li l-ebda Qorti ma tista tindaħlilha,, għalkemm probabilment huwa desiderabbili, kif, del resto, juri l-istess aġir tal-Awtorità, li tinkoraġġihom, fil-limiti talproporzjonijiet ġusti tal-allokazjoni tal-ħin lil-persuni politiċi ta opinjonijiet diverġenti. Imma ġja la darba il-liġi stess tippermetti lill-Awtorità torganizza dawn it-trassmissjonijiet titnissel inevitabilment il-konsegwenza li meta tagħmel arranġamenti simili dik l-Awtorità ma tkun qegħda tabdika għall-ebda poter fondamentali tagħha, anzi tkun qegħda tagħmel ħaġa premessa mill-istrument leġislativ organiku tagħha; u għaldaqstant li ma tistax titlob li dawk li 'schemes' ta 'political talks' jew kwalunkwe kuntratt jew akkordju minnhom derivanti, "se e quante volte" jesisti bħala sorġenti ta' kuntratt ġuridikament tutelabili, jiġi 'disregarded' u poġġut fil-ġemb meta jinqalgħu xi ċirkustanzi partikolari.

(15) Illi l-prinċipju hawn fuq stabilit minn dina l-Qorti jsib preċedent u awtorità fis-sentenza tal-għola Qorti ta' Malta, pronunzjata fit-28 ta' Marzu, 1958 'Giovanni Aquilina vs Josejh Ellul Mercer nomine' fis-sens li meta l-awtorità Governativa tal-Housing li għandha poteri diskrezjonali mill-iżjed vasti, intrabtet b'ittra li tirtira rekwizizzjoni tal-ħanut, hija inkapaċitat lilha n-nifisha milli ma tatix kas ta' dik l-ittra in virtù tal-poteri diskrezjonali tagħha.

(16) Biex il-Qorti però tkun tista tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-insidikabilità tad-deċiżjoni tal-Awtorità tax-xandir jonqos li l-attur juri li bejnu u dik l-Awtorità intervjena kuntratt fis-sens tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Ċivili.

(17) Il-kuntratt huwa definit mill-art. 1001 tal-Kodiċi Ċivili bħala konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed illi bih tiġi magħmula regolata jew maħlula obbligazzjoni. Il-Qorti ma jidhriliex li f'dan il-kas hemm għalfejn toqgħod tidħol fi kwistjonijiet elementari dwar l-elementi tal-kapaċita tal-kontraenti, tal-kunsens u tal-oġġett tal-kuntratt, li fil-kas presenti kollha jeżistu. L-unika kwistjoni li tista timmerita xi konsiderazjoni ulterjuri, għalkemm il-Qorti ma għandha l-ebda dubbju fuq daqshekk, hija dik tar-raba element jew kondizzjoni essenzjali tal-kuntratti, ċioè il-'kawża' Fuq dan l-element inqalgħu minn żmienijiet antiki u għadhom kontroversi sallum fid-dottrina il-kwistjonijiet l-iżjed gravi, sal-punt li fil-Kodiċi Taljan tal-1865 ġiet inserita disposizjoni li l-'kawża' tista tiġi presunta, disposizjoni li però ma irrepittx ruħha fil-Kodiċi Taljan il-ġdid. Il-ġuristi Ġermaniċi u l-kodiċijiet ta' l-iskola tagħhom abolew l-element tal-"kawża". Din il-"kawża" imbagħad mihiex l-istess ħaġa bħal "consideration" Inglisa u għalhekk il-Qorti hija fid-dover, bil-kemm hemm bżonn tgħidu, li tinterpreta d-disposizjoni tal-artikolu 1030 tal-Kodiċi fid-dawl tal-kommentaturi tal-Kodiċi Napoleoniku bħala ma huma **Planiol et Ripert** fl-edizjoni l-iżjed reċenti tagħhom (Traite Pratique de Droit Civil Francais, 1954 Tomme VI, paġ. 316 et seq) li jikkomentaw (para 249) li "il semble que le desaccord existe dans les termes beaucoup plus que sur le fond" u jiribaddixxu dak li igħid ukol il-Giorgi (Obbligazzjoni Vol. 111, para 438, 444) li l-kwistjoni tista tiġi simplifikata almenu fil-maġġor parti tal-każijiet, u li qabilhom kienu qaluh Donat u Pothier (Planiol et Ripert) op cit pag. 320) fissens li fil-kuntratti onerusi il-kawsa hija il-kontro-partita, fuq kuntratti a titolo gratwitu, il-liberalità. Infatti kif jgħidu dawn il-maestri ħafna drabi il-kawża tispiċċa biex tikkonfondi ruħha mal-oġġett tal-kuntratt.

(18) Issa l-Qorti f'dan il-kas ma tara l-ebda diffikulta

biex issib kawża tal-kuntratt fl-akkordju tax-xiri jew tal-użu ta' kommodità tant importanti bħal ma huwa l-'airtime'. Ċertament żgur ħadd ma jista jiddisputa fuq dan fil-kamp tal-pubbliċità kummerċjali fejn l-'advertising' bit-televisjoni huwa okkorrenza ta' kuljum, u jekk huwa kuntratt ekonomikament u ġuridikament valutabili dak tan-negozjant tal-batterji tal-karozzi jew taz-zalza tat-tadam li jipprokura l-'airtime' biex jfaħħar il-prodotti tiegħu, mgħandiesx tinqala diffikoltà fil-kas tan-nies li qegħdin fil-politika, li jeserċitaw professjoni suppost ta' natura tendenti għall-otteniment tal-aħjar ġid, almenu fil-kamp temporali, għall-kommunita u li, f'Malta, normalment huma esklusi mit-tgawdija ta' 'airtime' ħlief in esekuzjoni ta' ftehim mal-Awtorità konvenuta. Anke l-istess kliem tal-liġi "a scheme approved by the Authority" u diċitura ta' li scheme esibita fil-proċess juru li dan li 'scheme' jista jkollha 'binding legal effect' ġie deċiż fil-pajjis fejn dik il-kelma oriġinat fis-sens li hija użata fl-artikolu 7 ta' l-Ordinanzi, minn Lord Hewart C.J. fis-sentenza **R.V. East Ham Borough Council** Ex. p. Hunt 2 K b. 64 D.c. pp 68. 70 ċitata fil-Burrows, Vol. 5, pp, 29, 30 fejn il-famus Lord Chief Justice wera kemm il Board of Education qagħad attent li ma jużax il-kelma "scheme" imma 'proposal' eppure f'dan il-każ, allavolja il-partiti politiċi ma qablux magħha jew bejnithom. L-Awtorità konvenuta meta implimentat s-sistema li hija dehrilha ekwu għad-diskorsi politiċi ma eżitatx issejjaħlu 'scheme', li fl-opinjoni tal-Qorti għandu allura effett legali obbligatorju. Anke suppost li ma kienx hekk u li l-'scheme' tal-Awtorità kien sempliċi offerta jew solliċitazjoni, meta l-attur ppreżenta li 'script' tiegħu u l-Awtorità aċċettaw, f'dak il-mument ġie konsumat bejnithom kuntratt ta' disponibilità ta' 'airtime' sew li wieħed jieħdu bħala liberalità magħmula mill-Awtorità skond dak li hi tħoss li huwa d-dmir pubbliku tagħha li toffri lill-politikanti u mill-attur aċċet-

tata. Din il-veduta il-Qorti jidhrilha li hi mhux biss l-iżjed ġuridikament korretta imma anke l-iżjed ta' dekor għal dak li huwa rispett għall-personalità tal-bniedem.

(19) Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi li bejn il-partijiet kien intervejna kuntratt li fis-27 ta' Frar, 1964. L-Awtorità konvenuta kellha tieħu ħsieb ix-xandir bit-televisjoni (apparti milli ukoll fuq r-Rediffusion) tad-diskors tal-attur, u in vista ta' dan hija kient marbuta kontrattwalment miegħu. Konsegwentement il-Qorti tirrispinġi l-eċċezzjoni talinsidikabilità tad-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta li ma tirrepetiv t-trasmissjoni.

(20) Fil-meritu però il-Qorti ma taqbilx mat-teżi talattur li kien hemm inadempjenza jew almenu inadempjenza biżżejjed serja u apprezzabili li tiġġustifika t-talba tiegħu. L-inadempjenza f'obligazjoni 'di fare' ma tistax tiġi ikkunsidrata biss fuq li skorta tal-prestazjoni eżatta f'obbligazjonijiet oħrajn bħal, per esempju, il-pagament ta' somma ta' flus, imma trid tiġi ikkunsidrata f'kull kas skond il-meriti u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. L-azzjoni kompetenti lill-kreditur f'kas ta 'inadempiment tad-debitur tal-obbligazjoni hija in ultima analisi, dik tar-risarċiment tad-danni (art. 1168 Kod. Ċiv.) u possibili l-azzjoni għall-esekuzjonni speċifika (sentenza Vol. XXIX, 1, 1, 365) nonostante li fl-aħħar mill-aħħar "nemo potent precise cogi ad factum", dik l-azzjoni, ammenokke il-kreditur ma jkunx jista jitlob li jesegwixxi l-obbligazjoni hu stess a tenur tal-art. 1170 (li mhuwiex il-kas f'din il-kawża) iġifieri l-azzjoni għaddanni, tippostula neċessarjament il-preġudizju. Minn dana jidher li kwalunkwe azzjoni għall-esekuzjoni speċifika tkun inutili jekk ma tkunx eventwalment risolvibili f'azzjoni għad-danni. Issa l-Qorti f'dan il-kas, anke wara li akkuratament segwit waqt l-aċċess id-dimostrazjoni tax-xandira, ma

tistax tikkonvinċi ruħha li l-attur sofra preġudizju, għal-kemm kif ġja intqal, l-inċident 'de quo' kien inċident infeliċi.

(21) Fuq l-istess meritu il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut nomine ma kienx inadempjenti għaliex fil-kontest kollu tal-każ, apparti min-nuqqas ta' preġudizzju fuq imsemmi, huwa fornixxa lill-attur l-'airtime' kollu stipulat barra minn seba sekondi li, fil-konfront tal-għaxar minuti stipulati, hija frazjoni tant żgħira li taqa, kwantitativament, taħt is-sanzjoni tal-massima "de minimis". Kwalitativament, imbagħad, hija korretta s-sottomissjoni tal-konvenut nomine li nonostanti l-omissjoni ta' l-ewwel tlettax jew erbatx il-kelma, il-messaġġ li l-attur ried iwassal lill-pubbliku ġie infatti imwassal u seta' jiftihem tant meta wieħed jieħu d-diskors fil-kompless tiegħu kollu kemm meta wieħed jara l-ewwel paragrafu waħdu, għaliex t-telespettaturi setgħu mill-ewwel faċilment jifhmu li l-kliem "Issa ġiet l-Indipendenza ejja niġbdu ħabel wieħed" ma setgħux qatt jittieħdu fis-sens li l-attur kien qiegħed javża bħala fatt ta' kronaka li l-indipendenza ġiet proklamata, imma biss fis-sens ta' kritika tal-propaganda tal-partit Nazzjonalista. Dana jidher kif tajjeb ġie sottomess min Dr. Pullicino, mill-ewwel kliem ta' warajhom "kliem li qata qalb il-poplu u mill-kliem kważi immedjatament sussegwenti "Din il-propoganda tan-Nazzjonalisti timpressjona biss il-boloh", kif ukoll mill-kumplament tad-diskors.

(22) Fl-indaġini tal-adempiment il-Qorti trid tieħu in konsiderazjoni mhux biss ċ-ċirkostanzi kollha konkomitanti tal-każ, imma anke dawk sopravvenuti biex tara jekk id-debitu offrix li jipprovdi għall-adempiment residwali qabel mar-ritard seta' jsir preġudizzjevoli. Taħt dan l-aspett anke kieku kien hemm xi inadempiment minnu,

kienet legalment ġusta u korretta il-posizzjoni li assumiet l-Awtorita' konvenuta meta offriet lill-attur biex terġa tit-trasmettilu l-ewwel paragrafu. B'iżjed minn daqshekk il-Qorti ma jidhrilhix li l-Awtorita' konvenuta qatt setgħet tkun ġustament obbligata tirreintegra jekk u qatt kien il-każ, il-prestazjoni tagħha. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, anzi, il-Qorti jidhrilha li l-attur kien xi daqxejn esiġenti iżżejjed, u li r-ripetizzjoni totali tal-'broadcast' kif pretisa minnu tkun tikkostitwixxi arrikiment indebitu da parti tiegħu, a spejjeż tal-Awtorita' konvenuta, li il-Qorti ma tistax tip-permetti għaliex il-kuntratti għandhom jiġu ukoll esegwiti in buona fede u b'dik l-ekwita li hija inċidentali għall-ob-bligazjoni skond n-natura tagħha (art. 1036 Kod. Ċiv.)

(23) Il-Qorti iżżid mal-premess li anke kieku hija kellha tkun soddisfatta li kien hemm xi inadempienza anke da parti tal-Awtorità konvenuta, dina fiċ-ċirkos-tanzi ta' fatt riepilogati fil-bidu tas-sentenza ma tistax, in tema ta' kolpa kontrattwali, tiġi ċensurata bħala li naq-set milli tosserva d-diliġenza tal-bonus paterfamilias in astratto stabilita bħala il-grad ta' diliġenza li għandha tiġi adoperata fl-esekuzjoni ta' obbligazjoni skond l-art. 1175 tal-Kodiċi Ċivili. Apparti miċ-ċirkostanzi fuq imsem-mija li jitkellmu għalihom innifishom, u li huwa riskju tat-televisjoni li bid-diliġenza normali mhux dejjem jista jiġi evitat, kif xehed Frederick Yardley, hemm dan ukoll, li skond l-art. 7 (1) tal-Ordinanza il-kwalità ta trasmissjoni li għaliha l-attur kien intitolat kienet dik deskritta bil-kliem "ta kwalita' tajba" jew 'of good quality' Meta wie-ħed jikkompara dan it-test tal-liġi mad-disposizjoni tal-artikolu korrispondenti tat-television art. 1954 (art 1 (1) ) li f'dan il-kontest jidher li serva ta' mudell għal leġisla-tura lokali, wieħed jara li il-leġisatur Malti evita il-lokuzjoni of 'high quality'. Minn din il-konsiderazioni

għandhu jiġi raġonevolment indott li fil-kwalita' ta' trasmissjoni prestata il-'culpa laevissima' ma kellix, anke skond l-intenzjoni presumibili tal-partijiet isservi bħala bażi ta imputazjoni. Dana mhux qiegħed jingħad f'sens disfattist jew biex b'xi mod il-kuntratturi ta' l-Awtorita' jew l-Awtorita' stess jiġu inkoraġġati jirrilassaw li 'standards' ta trasmissjoni minnhom adoperati, imma sempliċement bħala element integrativ, f'dan il-kas, taddisposizjonijiet tal-Kodiċi rigward il-kolpa kontrattwali, għaliex kulħadd huwa presunt li jaf il-liġi, u jekk l-attur daħal f'kuntratt għat-trasmissjoni tad-diskors tiegħu huwa ma setgħax jesiġi 'standard' għola minn dak preskritt tant mill-liġi ġenerali kemm mill-liġi speċjali u daħal f'kuntratt ta' natura 'sui ġeneris' bir-riskji normali inerent għalieh. Il-Qorti hija soddisfatta li f'dan il-kas it-trasmissjoni kienet ta' kwalita' tajba. Li kieku, minn naħħa -oħra, kien hemm veru inadempjenza fis-sens ta' omissjonijiet itwal u ripetuti li fixklu lis-semmiegħa milli jsegwu u jifħmu d-diskors, u nuqqas tad-debita diliġenza, l-Qorti ma kienitx tesita li tordna ripetizjoni tax-xandira biex tiġi konservata il-vera imparzjalita' fit-trasmissjonijiet politiċi, imma dan, kif ġja intqal, mhuwiex il-kas. A propositu tax-xiehda prodotti mill-attur biex jgħidu li ma fehmux d-diskors, dawn ma jirriżultawx għal kollox unanimi bejnithom u il-Qorti hija iżjed perswasa minn dak li qal ix-xhud Caruana fis-sens li d-diskors fehmu. Taħt dawn ċ-ċirkustanzi kollha il-Qorti lanqas ma tara xi negliġenza ċensurabili fil-fatt li t-trasmissjoni ma reġgħetx ġiet mibdija mill-bidu 'hic et nunc", Dak il-ħin x-xhud Calleja, kif spiega x-xhud Yardley kien 'the man at the helm' u kellu jiddeċiedi hu stess wadu fl-argunija tal-emerġenza. Iċ-ċirkostanzi ma jippermettux li dak il-ħin isiru konsultazzjonijiet.

Fis-sens premess u għar-raġunijiet fuq mogħtija il-

Qorti tilqa l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut nomine fittieni lok u mingħajr preġudizzju ta' dik tal-insidakabilita', ċioe' li d-deċiżjoni tal-Awtorita' tax-xandir li ma tirrepetix x-xandir kienet fil-meritu tagħha ġusta u korretta, u dana għaliex ma kienx hemm inadempienza da parti tagħha f'dik li hija wegħdet lill-attur, u jekk kien hemm ma kienx hemm da parti tagħha nuqqas mid-diliġenza dovuta skond il-liġi fl-esekuzjoni tal-obbligazjoni in kwistjoni u konsegwentement il-Qorti tirrispinġi t-talbiet ta' l-attur kif dedotti fil-penultimu paragrafu tal-att aċ-ċitazzjoni. Li spejjeż stante n-novita' u ċ-ċirkostanzi tal-kas, kif ukoll n-natura tal-punti ta' dritt dibattuti, jibqgħu bla taxxa, ħlief għal l-ispejjeż ta' l-aċċess u li spejjes tad-drittijiet ta' wara il-ħin tar-Reġistru li għandhom itħallsu nofs kull wieħed mill-partijiet.